# PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Illum 27 ta’ Diċembru 2024**

**Nru: 2**

**Rikors Ġuramentat Nru. 633/2024**

## Entain Operations Limited
## rappreżentata mill-avukat Dr Paul Micallef Grimaud
## bħala mandatarju speċjali

**v**

## SB Entertainment Limited

**Daħla**

1. F’din il-kawża Entain Operations Limited (“Entain”) qiegħda, fost affarijiet oħra, titlob dikjarazzjoni li SB Entertainment Limited (“SB”) qiegħda tikser id-drittijiet ta’ Entain fil-markji tal-Unjoni Ewropea tagħha ‘sportingbet’ li jġibu n-numri EUTM 018458660 u 004997714.

2. Fis-6 ta’ Awwissu 2024 SB ressqet talba biex din il-kawża titwaqqaf, a bażi tal-artikolu 132(1) tar-Regolament (EU) 2017/1001 (ir-“Regolament”), li jaqra hekk:

> Qorti għat-trademarks tal-UE li tkun qiegħda tisma' kawża msemmija fl-Artikolu 124, ħlief għal kawża għal dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' ksur għandha, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet speċjali sabiex jitkompla s-smiegħ, minn jeddha u wara li tisma' lill-partijiet jew fuq talba ta' waħda mill-partijiet u wara li tisma' lill-partijiet l-oħrajn, tissospendi il-

proċedimenti jekk il-validità ta' trademark tal-UE tkun diġa' qiegħda tiġi kontestata quddiem qorti għat-trademarks tal- UE oħra fuq bażi ta' kontrotalba jew jekk applikazzjoni għal revoka jew għal dikjarazzjoni ta' invalidità tkun diġa' ġiet ippreżentata l-Uffiċċju.

3. SB tgħid li f'din il-kawża Entain qiegħda taġixxi in kwantu proprjetarja tal-markju komunitarju EUTM 003389897 li, fir-rigward tiegħu, hemm talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità imressqa minn SB stess fit-13 ta' Mejju 2024.

4. Iżda mhux minnu. Entain mhix il-proprjetarja tal-markju EUTM 003389897 u, kif rajna, qiegħda taġixxi f'din il-kawża fir-rigward ta' markji oħra, li huma proprjetà tagħha u li fir-rigward tagħhom ma hemm ebda talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità.

5. Hu ta' għajb għal min iffirma r-rikors, u kif ukoll għal SB, li tressqu quddiem il-qorti stqarrijiet magħrufa li kienu inveritieri.

Ma hemm ebda bażi biex il-qorti twaqqaf il-kawża, la fuq talba ta' SB u lanqas mill-qorti minn jeddha. It-talba hi għalhekk miċħuda bl-ispejjeż kontra SB.

Henri Mizzi
Imħallef

Tristan Duca
Deputat Reġistratur